C/2024/1563

5.3.2024

Riżoluzzjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "L-appoġġ tal-KESE għall-adeżjoni tar-Rumanija u l-Bulgarija maż-żona Schengen"

(C/2024/1563)

Bażi legali	Artikolu 50 tar-Regoli ta' Proċedura
Adozzjoni fil-plenarja	14.12.2023
Sessjoni plenarja Nru	583
Riżultat tal-votazzjoni	
(favur/kontra/astensjonijiet)	183/3/3

Nippermettu lir-Rumanija u lill-Bulgarija jissieħbu fiż-żona Schengen!

Fir-rigward tal-adeżjoni tar-Rumanija u l-Bulgarija maż-żona Schengen, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew:

— itenni l-pożizzjoni tiegħu, appoġġjata wkoll mill-Kummissjoni Ewropea u l-Parlament Ewropew, li ż-żewġ Stati Membri jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha biex jissieħbu fiż-żona Schengen, u jqis li huwa imperattiv li l-formalitajiet tal-adeżjoni jitlestew malajr;

— jinnota s-sinjali ta' ċertu progress fir-rigward tal-adeżjoni possibbli taż-żewġ Stati Membri maż-żona Schengen, bħala l-ewwel pass fil-livell tat-trasport bl-ajru biss, u jħeġġeġ lill-Presidenza Spanjola, lill-Kunsill u lill-Istati Membri jorganizzaw laqgħa straordinarja tal-Kunsill ĠAI sabiex jadottaw ftehim għal dan l-għan sa tmiem l-2023;

— iqis li l-impożizzjoni ta' kundizzjonijiet addizzjonali biex iż-żewġ Stati Membri jissieħbu fiż-żona Schengen, li jmorru lil hinn mit-Trattati u r-Regolamenti eżistenti, tirriskja li toħloq konfużjoni bejn oqsma distinti – bħall-ispazju ta' moviment liberu u l-kwistjoni tal-migrazzjoni irregolari – tikkomplika d-deċiżjonijiet politiċi u tfixkel b'mod perikoluż il-funzjonament tajjeb tal-UE f'konformità mal-valuri fundamentali tagħha u l-prinċipji tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dejjem appoġġja l-idea tal-espansjoni taż-żona Schengen u ħeġġeġ lill-istituzzjonijiet Ewropej u lill-Istati Membri jipprovdu l-qafas legali u politiku għall-parteċipazzjoni tal-Istati Membri kollha tal-UE u tal-EFTA fl-iżjed żona wiesgħa possibbli biex tiġi żgurata l-libertà sħiħa tal-moviment tal-persuni u tal-merkanzija, f'konformità mal-prinċipji u l-valuri tal-Unjoni Ewropea.

Brussell, l-14 ta' Diċembru 2023.

Oliver RÖPKE

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew